SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 08/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 23/10/'12 291**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 23/10/'12 346**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 23 t'Ottubru 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier Alex Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienu preżenti wkoll l-Perit Stephen Farrugia u l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.04 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

1.1.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier Alexander Grech ippreżenta l-ittra minħabba li fil-laqgħa preċedenti kien skużat. (Ara Appendiċi 'A').

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 t'Ottubru 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2012
4. Budget / Business Plan Preparation
5. Tender - Titjieb ta' Żoni Esterni F'Housing Estate f'Ta' Ġiorni, San Ġiljan
6. Magazine
7. Aġġornament tal-Public Private Partnership
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 07/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 07/K7/12.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 7 u 5 qabel item 2, 3, 4, u 6.

1.3.06 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**7. Aġġornament tal-Public Private Partnership**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kuntrattur tal-Public Private Partnership baqa' ma onorax il-kuntratt u li saru diversi laqgħat miegħu biex jitkompla x-xogħol u biex jipprovdi

program tax-xogħolijiet. Madankollu l-kuntrattur dejjem wiegħed li ser ikompli f'qasir żmien iżda sa llum kull ma lesta hija triq waħda.

7.02 Il-Kunsill għamel riferenza ukoll għall-korrispondenza rif. nru. 5897/12 (Ara Appendiċi 'B') li rcieva mingħand il-Kuntrattur Polidano Group, fejn ressaq talba lill-Kunsill minħabba d-differenza fl-ispejjeż tal-materjal.

7.03 Il-Kunsillier Alex Grech wasal fis-2.15p.m.

7.04 Il-Kunsillier John Agius wasal fis-2.35p.m.

7.05 F'dan l-istadju ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-Kuntrattur Polidano Group fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 1 ta' Novembru 2012 fis-2.00p.m. u jiġi nfurmat li l-attendenza tiegħu għal din il-laqgħa hija importanti.

## 5. Tender - Titjieb ta' Żoni Esterni f'Housing Estate f'Ta' Ġiorni, San Ġiljan

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ntalbet il-gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li ż-żewg offerenti ma mxewx strettament mal-'*instructions to tenderers*' u li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Il-Perit Stephen Farrugia ġie skużat fit-3.15p.m.

5.03 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 u 4 qabel item 2.

5.04 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2012

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Ġunju 2012 sat-30 ta' Settembru 2012 (Ara Appendiċi 'C').

3.02 L-Accountant tat spjegazzjoni ddettaljata tar-rapport u nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex ikun aktar kawt peress

li hemm items li n-nefqa tagħhom hija ħafna aktar mill-ibbudgitjat.

3.03 Il-Kunsillier John Agius ġie skuzat fit-3.20p.m.

3.04 Wara diskussjoni qasira l-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Ġunju 2012 sat-30 ta' Settembru 2012.

3.05 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Budget / Business Plan**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Budget / Business Plan ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

4.02 L-accountant Ms Joanna Caruana ġiet skużata fit-3.35p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| Rif. Nru. | Korrispondenza |
| 5563, 5564, 5617 & 6073 | Korrispondenza rigward il-bankina ta' No. 9, Triq Zammit Clapp. |
| 5651 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Ġnien Saver Zarb. |
| 5665 | Email mingħand it-Transport Malta rigward it-talba għall-mera fi Triq Sir Joseph Carbone. |
| 5677 & K1224 | Ittra mingħand il-Malta Environment & Planning Authority rigward l-applikazzjoni tal-bini l-ġdid ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, id-Day Care Centre u d-Dar ta' l-Anzjani. |

5739 Email mingħand it-Transport Malta rigward l-iskema tar-*Residential Parking.*

5857 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

5961 & 5972 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 35/2012 – Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'.

6040 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 38/2012 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013.

6047 Talba mingħand l-impjegata Ms. Lindsay Grima għar-*reduced hours*.

6098 Email mingħand is-Sur Adrian Azzopardi rigward it-tneħħija ta' l-*isleeping policemen* fi Triq il-Baltiku.

6137&6141 Email mingħand il-Kunsillier Anthony Grech rigward ir-resurface għall-bankina fit-Triq Patrick Brydone San Giljan.

6215 Ittra mingħand Integrated Solutions rigward panelli ta' informazzjoni għat-turisti.

6243 Ittra mingħand it-Transport Malta rigward żewġ *Taxi Stands* ġodda fi Triq il-Kbira, San Ġiljan.

6023 Ittra mingħand il-Kumitat Konġunt għall-Infurzar tal-Liġi u Ordni Pubblika rigward pagament dovut lill-Kunsill / Kumitat Amministrattiv għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2011 sal-31 ta' Awwissu 2011.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 5563, 5564, 5617 & 6073**

2.02 Saret riferenza korrispondenza rigward il-bankina ta' No. 9, Triq Zammit Clapp. Ġie deċiż unanimament illi din il-materja tiġi riferuta lit-Transport Malta u tintbagħat kopja lill-klijent.

**Rif. Nru. 5677 & K1224**

2.03 Saret riferenza għal-email mingħand il-*Malta Environment & Planning Authority* rigward l-applikazzjoni tal-bini il-ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, id-*Day Care Centre* u d-Dar tal-Anzjani. Ġie deċiż unanimament li jekk mil-laqgħa li ser issir mal-MEPA nhar il-Ġimgħa 26 t' Ottubru 2012, jirriżulta li l-Kunsill ma jkollux indikazzjoni li ser jinħareġ il-permess, il-pagament għall-applikazzjoni ma jsirx.

**Rif Nru. 5739**

2.04 B'riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward l-iskema tar-Residential Parking. Ġie deċiż unanimament li tinbagħat ittra lir-residenti, lill-ħwienet, l-MHRA u l-GRTU sabiex jiġu nfurmati li ser jiġi ntrodott ir-*residential parking scheme* fi Triq Alfred Gauci, fi Trejqet il-Bajja u fi Triq il-Ġdida fi Trejqet il-Bajja. Dan sabiex jekk għandhom xi oġġezzjonijiet jinfurmaw lill-Kunsill. Kopja ta' din l-ittra tintbagħat ukoll lit-Transport Malta.

**Rif Nru. 6047**

2.05 Saret riferenza għat-talba mingħand l-impjegata Ms. Lindsay Grima għall-'*reduced hours'.* Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li r-*reduced hours* jiġu kkunsidrati għal terminu ta' sitt xhur li jistgħu jiġġeddu sa massimu ta' tlett snin u li darba fil-ġimgħa, jekk jista' jkun, taħdem sat-3.45p.m.

**Rif Nru. 6098**

2.06 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Adrian Azzopardi rigward it-tneħħija ta' l-*isleeping policemen* fi Triq il-Baltiku u rigward is-sewqan eċċessiv. Ġie deċiż unanimament li din l-ittra tintbagħat lit-Transport Malta għar-rakkomandazzjoni tagħhom.

**Rif Nru. 6137 & 6141**

2.07 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Anthony Grech rigward talba sabiex isir ir-*resurfacing* tal-bankina fi

Triq Patrick Brydone. Ġie deċiż unanimament li din it-talba tinżamm pendenti sakemm tittieħed deċiżjoni differenti.

**Rif Nru. 6215**

2.08 Saret riferenza għal-ittra mingħand is-Sur Paul Spiteri għan-nom ta' l-Integrated Solutions rigward talba biex jiġu nstallati 4 'intractive information panels'. Ġie deċiż unanimament li:-

a) Jinħareġ il-permess skont il-Leġislatura Sussidjarja 441.04 jew il-K.L.B.L. 52/11/2011 *Bye-Laws* tal-2011 dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan, skont liema tkun l-aktar waħda vantaġġjuza;

b) L-Intergrated Solutions jinkludi kull tagħrif mgħoti lilhom mill-Kunsill biex jidhru fuq il-panelli;

c) Ikunu responsabbli għal kull vandaliżmu li jista' jsir;

d) Jiġi nkluż il-logo tal-Kunsill fuq il-panelli;

e) Riklami li jidhru jkunu skont il-Liġi;

f) Il-Kunsill ma jaċċettax li jkollhom l-*esclusivity rights*;

g) Il-Kunsill ikun jista' joġġezzjona għal kull ma jidher fuq dawn il-pannelli;

h) Dawn ir-regolamenti japplikaw meta jinħareġ il-permess fuq San Ġiljan biss. Għal Paceville għandha ssir talba lill-Kumitat Amministrattiv fuq l-istess kondizzjonijiet;

i) Il-permessi kollha meħtieġa huma għall-karigu u għas-spejjeż ta' min qed jagħmel it-talba.

**Rif Nru. 6243**

2.09 Saret riferenza ghall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward żewġ *Taxi Stands* ġodda fi Triq il-Kbira, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill joġġezzjona li jsiru żewġ *Taxi Stands*.

## 6. Magazine

6.01 Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill li minn informazzjoni li għandu jirriżulta li ftit huma dawk il-Kunsilli Lokali li għadhom joħorġu l-magazine tal-Kunsill. Dan minħabba li fih ħafna spejjeż.

6.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:-

a) Tinħareġ sejħa għall-offerti biex jiġi ppubblikat magazin jew gazzetta mill-inqas darbtejn fis-sena;

b) Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier John Agius, jekk jaċċetta, ikunu responsabbli mill-kontenut tal-magazin / gazzetta;

c) Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier John Agius jikkoordinaw mas-Segretarju Eżekuttiv il-'Council Requirements' biex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

## 8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3285 sa 3304 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

9.02 Ġie deċiz unanimament li għalissa il-Purchase Request Sheets jibqgħu '*on-hold*' u jsiru biss tiswijiet ta' bozoz u xogħol ta' emergenza.

9.03 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.04 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**10 Materji Oħra**

10.01 Ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa *onsite* mal-Perit David Vassallo jew il-persuna nkarigata rigward il-kundizzjoni tat-Triq Albert Mayr.

10.02 B'riferenza għall-Minuti 7/K7/12 taqsima 2 paragrafu 2.09, il-Kunsill ġie nfurmat li għalissa mhux ser jinħareġ il-permess lill-Active Enterprises għall-aħħar talba li għamel. Dan minħabba li għandu ammont ta' €2445.87 pendenti (Ara Appendiċi 'G').

10.03 Għandha tintbagħat *reminder* lill-Perit Stephen Farrugia (għal K1174/043a,043b&Pers.Fl/12-MM) rigward l-istima biex isiru l-*layout plan to scale* taż-z*ebra crossing* fi Triq Birkirkara u Triq Lapsi.

10.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-ftehim tal-*cash in transit,* mas-Security Services, li kien sar permezz tal-Kumitat Konġunt Lvant ilu li skada u li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt ġie deċiż li jiġi nfurmat r-Reġjun Ċentrali sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja dwar dan is-servizz.

10.05 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li s-Security Services bdiet tibgħat kontijiet b'rata għolja u li l-Kunsill ġie nfurmat verbalment li kien ser jitwaqqaf is-servizz immedjatament jekk ma jitħallsux il-kontijiet bir-rata l-ġdida.

10.06 Wara diskussjoni u minħabba s-sigurta' ta' l-impjegati ġie deċiż unanimament li temporanjament jiġu aċċettati d-differenza tal-kontijiet tas-Security Services sakemm ikun hemm deċiżjoni tar-Reġjun Ċentrali.

10.07 Inġibdet l-attenzjoni li saret laqgħa mal-Perit Alexander Cutajar rigward il-*handing over* tal-proġett tat-taraġ ta' Anġelo Pulliċino u Wied Għomor (Ara Appendiċi 'H').

10.08 Ġie deċiż unanimament li l-bilanċ tal-*leave* tas-Segretarju Eżekuttiv li ser jibqa' wara li jittieħed il-*leave* sa l-aħħar tas-sena, li ma haditx minħabba l-esiġenza tal-Kunsill, ser jiġedded għas-sena d-dieħla.

10.09 Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser isir nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2012 fis-2.00p.m.

10.10 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.35p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |